



Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2023/0441(CNS)

21.2.2024

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/637 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u d-Direttiva (UE) 2019/997 li tistabbilixxi Dokument Provviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE (COM(2023)930 – C9-0015/2024 – 2023/0441(CNS))

Rapporteur għal opinjoni (*): Nacho Sánchez Amor

(*): Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi estensjoni sostanzjali tar-rwol u l-attivitajiet tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, inklużi dispożizzjonijiet ġodda u emendati dwar it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet barra mill-Unjoni Ewropea.

F'konformità mal-punt I.3 tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura (RP), is-sorveljanza tas-SEAE u d-diversi servizzi tiegħu, inklużi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tad-Delegazzjonijiet tal-UE u ċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE, jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET). Il-ħidma tad-Delegazzjonijiet tal-UE tkopri wkoll l-implimentazzjoni tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-protezzjoni fit-territorju ta' pajjiżi terzi kif imsemmi fl-Artikolu 35 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

L-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE, id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-istrutturi ta' Rispons għall-Kriżijiet huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010, li l-Kumitat AFET huwa kompetenti għaliha. Il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża tal-2022, li hija wkoll kompetenza tal-Kumitat AFET, nediet rieżami tal-mekkaniżmi tas-SEAE ta' rispons għall-kriżijiet, inkluż fost l-oħrajn l-appoġġ konsulari u s-sigurtà fuq il-post.

Fil-15 ta' Marzu 2023, il-Parlament adotta Rakkomandazzjoni tal-PESK immexxija mill-Kumitat AFET li tqis il-funzjonament tas-SEAE u għal UE aktar b'saħħitha fid-dinja (2021/2065(INI)). Dan ikopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tas-SEAE, inkluż l-appoġġ liċ-Ċentru tal-UE ta' Rispons għall-Kriżijiet (CRC) fil-koordinazzjoni tar-rispons tal-ambaxxati u tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri u s-servizzi li joffru liċ-ċittadini tal-UE fi żminijiet ta' kriżi.

Il-proposta tal-Kummissjoni tpoġġi r-rwol tas-SEAE (u l-istrutturi tiegħu għall-ġestjoni tal-kriżijiet u d-Delegazzjonijiet tal-UE) fuq livell ġdid ta' involviment, b'tali mod li l-protezzjoni konsulari ssir marbuta mar-rwol tal-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tas-SEAE, kull meta d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu abbażi ta' valutazzjonijiet, kuntatti ma' pajjiżi terzi, l-użu ta' assi militari u elementi oħra tipikament tal-PESK/PSDK.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) L-Istati Membri għandhom

jiżguraw li l-informazzjoni liċ-ċittadini dwar il-protezzjoni konsulari tkun faċilment aċċessibbli u aġġornata. F'dan is-sens, iċ-ċittadini tal-UE għandhom jirċievu messaġġi mxandra u kuntestwalizzati relatati mad-drittijiet tagħhom u kif jeżerċitawhom permezz ta' notifiki istantanji meta jkunu f'pajjiżi terzi, speċjalment f'mument ta' kriżi.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Il-koordinazzjoni effiċjenti hija vitali biex jiġi żgurat rispons effettiv għall-kriżijiet. Sabiex tiġi żgurata tali koordinazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu appoġġati miċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tal-Kummissjoni. Ir-rispons koordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet huwa partikolarment importanti f'każijiet li jirrikjedu l-evakwazzjonijiet biex jiġi żgurat li l-appoġġ disponibbli jiġi pprovdut b'mod effiċjenti, u li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-kapaċità ta' evakwazzjoni disponibbli tiġi kondiviża fil-ħin, inkluż fil-każ ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' evakwazzjoni bl-użu ta' assi militari.

Emenda

(26) Il-koordinazzjoni effiċjenti hija vitali biex jiġi żgurat rispons effettiv għall-kriżijiet. Sabiex tiġi żgurata tali koordinazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu appoġġati miċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE u miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tal-Kummissjoni. Ir-rispons koordinat tal-Unjoni għall-kriżijiet huwa partikolarment importanti f'każijiet li jirrikjedu l-evakwazzjonijiet biex jiġi żgurat li l-appoġġ disponibbli jiġi pprovdut b'mod effiċjenti, u li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' evakwazzjoni disponibbli. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li l-informazzjoni ***diretta u rilevanti, pereżempju*** dwar il-kapaċità ta' evakwazzjoni disponibbli tiġi kondiviża fil-ħin, ***sabiex ikun possibbli rispons rapidu u effettiv***, inkluż fil-każ ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' evakwazzjoni bl-użu ta' assi militari. ***F'dan ir-rigward, is-SEAE jenħtieġ li jkun jista' jirċievi informazzjoni awtomatika u kontinwa mill-Istati Membri dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi.***

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(34a) Jenħtieġ li tingħata żieda xierqa fil-baġit tas-SEAE, flimkien mad-dħul mir-rimborżi tal-Istati Membri, biex tiġi garantita l-eżekuzzjoni xierqa tar-responsabbiltajiet fl-għoti ta' assistenza u/jew protezzjoni liċ-ċittadini tal-UE. L-impatt ta' kriżijiet u kunflitti kontinwi madwar id-dinja jista' jinvolvi r-riskju ta' piż żejjed fuq il-protezzjoni konsulari u/jew l-assistenza tal-Istati Membri, b'mod partikolari f'iżminijiet ta' kriżi kbira. Is-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, li assumew rwol dejjem akbar f'dan ir-rigward, kellhom rwol ċentrali ta' koordinazzjoni fuq il-post.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 Direttiva (UE) 2015/637 Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Is-SEAE u d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu allokatu r-riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali meħtieġa biex ikopru l-ispejjeż ġenerali u l-ammont ta' xogħol amministrattiv orizzontali addizzjonali.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) L-Istati Membri għandhom itejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, inkluż billi jikkondividu regolarment aġġornamenti tal-valutazzjoni tar-riskju u theddid possibbli għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Is-SEAE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, għandu jipprovdi taħriġ konsulari dwar it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet lill-uffiċjali tal-Unjoni u lill-persunal diplomatiku u konsulari tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati minn timijiet konsulari konġunti magħmula minn esperti mill-Istati Membri, b' mod partikolari minn Stati Membri mhux rappreżentati fil-pajjiż terz affettwat mill-kriżi, mis-servizzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni. It-timijiet konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għal skjerament rapidu f' pajjiżi terzi affettwati minn kriżi konsulari. Il-parteciġazzjoni f' timijiet konsulari konġunti għandha tkun volontarja.

Emenda

2. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jiġu appoġġati minn timijiet konsulari konġunti magħmula minn esperti mill-Istati Membri, b' mod partikolari minn Stati Membri mhux rappreżentati fil-pajjiż terz affettwat mill-kriżi, mis-servizzi tas-SEAE u tal-Kummissjoni. It-timijiet konsulari konġunti għandhom ikunu disponibbli għal skjerament rapidu f' pajjiżi terzi affettwati minn kriżi konsulari. Il-parteciġazzjoni f' timijiet konsulari konġunti għandha tkun volontarja. ***Is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom jappoġġjaw it-tnejja ta' dawk l-esperti u tat-timijiet konsulari konġunti.***

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 13a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta jipprovdur għajnuna, l-Istati Membri jistgħu ***jitolbu appoġġ, jekk ikun xieraq***, minn strumenti tal-Unjoni bħall-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżijiet tas-SEAE u ċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tiegħu u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni *Nru* 1313/2013/UE.

Emenda

4. Meta jipprovdur għajnuna, l-Istati Membri jistgħu ***jirċievu l-appoġġ*** minn strumenti tal-Unjoni bħall-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżijiet tas-SEAE u ċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tiegħu u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni. ***L-Istati Membri jistgħu jinvolvu wkoll iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni*** f'każ ta' Emerġenza stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1313/2013/UE, ***il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u, jekk ikun xieraq, il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE taħt il-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni.***

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva (UE) 2015/637

Kapitolu 2 - Artikolu 13b – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mill-inqas darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà l-informazzjoni*** li ġejja:

Emenda

1. Mill-inqas darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lis-SEAE u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni*** li ġejja:

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva (UE) 2015/637

Kapitolu 2a - Artikolu 13c – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw liè-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), tat-TFUE. ***Dan jista' jinkludi*** b'mod partikolari ***l-miżuri li ġejjin***:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw liè-ċittadini tagħhom bid-dritt tagħhom stabbilit fl-Artikolu 20(2), il-punt (c), tat-TFUE, b'mod partikolari ***permezz ta'***:

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva (UE) 2015/637

Kapitolu 2a - Artikolu 13c – paragrafu 1 – parti introduttorja - punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-riproduzzjoni tal-Artikolu 23, l-ewwel sentenza, tat-TFUE fuq il-passaporti nazzjonali;

imħassar

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva (UE) 2015/637

Kapitolu 2a - Artikolu 13c – paragrafu 1 – parti introduttorja - punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-iżvilupp ta' sistemi ta' notifika awtomatika, bħal sistemi ta' messaġġi qosra permezz ta' networks tat-telefown, biex jipprovdu liċ-ċittadini kollha tal-UE b'informazzjoni bażika ta' kuntatt għall-protezzjoni konsulari mal-wasla f'pajjiż terz, kif ukoll messaġġi ta' twissija f'każ ta' kriżi;

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jirriproduċu l-ewwel sentenza tal-Artikolu 23, tat-TFUE fuq il-passaporti nazzjonali.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 1, paragrafu 1, punt 9

Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 16b – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-
ċittadini mhux rappreżentati jkollhom
rimedju effettiv fid-dritt nazzjonali f'każ
ta' ksur ta' drittijietom skont din id-
Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-
ċittadini mhux rappreżentati jkollhom
aċċess effettiv ***għall-mekkaniżmi ta'***
lmentar u rimedju fid-dritt nazzjonali
f'każ ta' ksur ta' drittijietom skont din id-
Direttiva.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva (UE) 2015/637

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Mhux qabel [8 snin wara l-iskadenza
tat-traspożizzjoni tad-Direttiva
emendatorja]***, il-Kummissjoni għandha
tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u
tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet
ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-
Kunsill.

Emenda

3. ***Sa [ħames snin wara l-iskadenza tat-
traspożizzjoni tad-Direttiva emendatorja]
u kull ħames snin minn hemm 'il
quddiem***, il-Kummissjoni għandha tagħmel
evalwazzjoni ***tat-traspożizzjoni u l-
applikazzjoni*** ta' din id-Direttiva u
tippreżenta rapport dwar il-konklużjonijiet
ewlenin lill-Parlament Ewropew u lill-
Kunsill, ***li jinkludi ksur possibbli tad-
drittijiet li jaqgħu taħt din id-Direttiva.***

Or. en